**24 ta' Novembru, 1987**

**Imħallef: –**

**S.T.O. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Onorato Sammut

*versus*

Francesco Cilia

**Sentenza – Esekuzzjoni ta' – Żgumbrament – Rekwiżizzjoni**

*L-attur talab li jiġi awtorizzat jesegwixxi sentenza ta' żgumbrament stante li kienu għaddew aktar minn tliet snin mis-sentenza. Ġie eċċepit illi kien hemm ordni ta' rekwiżizzjoni.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ipprovdiet billi laqgħet it-talba attriċi għall-ġardina li ma kinitx milquta bl-ordni ta' rekwiżizzjoni iżda ssospendiet il-ġudizzju kwantu għall-kamra adjaċenti għall-ġardina sakemm baqgħet isseħħ l-ordni ta' rekwiżizzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-avviż ippreżentat fil-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta li bih l-attur talab li jesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet Francesco Sammut *vs* Francesco Cilia deċiża minn dik il-Qorti (Numru 123/66) fid-29 ta' April, 1966 billi għaddew tliet snin mid-data tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Novembru, 1980, Avviż Numru 770/79 fejn l-attur kien ġie awtorizzat jesegwixxi s-sentenza tad-29 ta' April, 1966, bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi s-sentenza ċċitata fiċ-ċitazzjoni ma tistax tiġi esegwita *stante* li l-post li l-konvenut ġie ordnat li jiżgombra minnu ġie issa allokat lilu mill-*Housing Department* u fil-fatt il-Bord li Jirregola l-Kera qiegħed jiffissa l-kera ta' dan il-post u illi għalhekk is-sentenza ma tistax tiġi esegwita *stante* li l-konvenut għandu titolu validu fil-liġi;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati

fl-20 ta' Novembru, 1986 li biha dik il-Qorti pprovdiet għal issa – bla ħsara tar-raġunijiet u eċċezzjonijiet tal-kontendenti – billi ordnat is-sospensjoni ta' dana l-ġudizzju b'dana li l-avviż odjern ikun riappuntabbli, b'rikors ta' wieħed jew l-ieħor mill-kontendenti malli ma tibqax isseħħ ir-rekwiżizzjoni, l-ispejjeż jibqgħu riservati – u dana wara li kkunsidrat:

Illi l-attur qed jitlob li jesegwixxi sentenza tad-29 ta' April, 1966 fl-ismijiet "Francesco Sammut *vs* Francesco Cilia", billi għaddew aktar minn tliet snin mit-12 ta' Novembru, 1980, id-data tas-sentenza ta' l-Appell Ċivili Sede Inferjuri fl-istess ismijiet li biha l-attur kien ġie awtorizzat jesegwixxi s-sentenza tad-29 ta' April, 1966;

Illi l-konvenut qed jeċċepixxi li s-sentenza msemmija ta' l-1966 ma tistax illum tiġi esegwita billi l-*Housing Department* issa alloka lilu l-fond li minnu ġie ordnat li jiżgombra, tant li bħalissa hemm proċeduri quddiem il-Bord tal-Kera biex jiġi ffissat il-kera xieraq;

Fil-fatt meta xehed Carmel Briffa għan-nom tal-*Housing Department* hu qal li kienet ħarġet *Protective Requisition Order* fis-16 ta' Awissu, 1977 fuq Murat Sammut u Francesco Cilia u fil-11 ta' Diċembru, 1984 il-fond ġie allokat lil Francesco Cilia, il-konvenut;

Illi matul il-kors tal-kawża saret riferenza għas-sentenza ta' l-Appell Inferjuri tat-13 ta' Mejju, 1986, fl-ismijiet "Onorato Sammut *vs* Francesco Cilia" billi f'dina l-kawża hemm esebit dokumenti *(Allocation Order)* li huma rilevanti għall-każ in eżami;

Illi l-punt kollu li jrid jiġi deċiż f'dina l-kawża huwa jekk l-*allocation order li saret lill-konvenut eżawtoratx lill-Qorti milli* tkompli tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża; jew inkella kif qed isostni l-attur, il-Qorti għandha tgħaddi mill-ewwel biex tawtorizza lill-attur jesegwixxi s-sentenza mingħajr ma toqgħod terġa' tidħol fil-mertu, u dana billi hu pprova li għandu dritt jagħmel dina t-talba;

Illi skond Ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna:

"L-effett tar-rekwiżizzjoni hi, "*inter alia*" li (dak li jkun) jiġi dispossessat; b'mod li minn mindu saret, u sakemm tibqa' sseħħ dik ir-rekwiżizzjoni, il-pussess ta' dak il-fond u d-disponibbilità ta' dak il-pussess ma humiex aktar f'idejn dak li jkun, iżda f'idejn l-awtorità rekwiżizzjonanti";

"It-talba għall-iżgumbrament kontra min qiegħed jokkupa fond rekwiżizzjonat ma tistax tiġi milqugħa sakemm tibqa' sseħħ ir-rekwiżizzjoni";

"Għalhekk talba għal dikjarazzjoni li hija preordinata għal dak l-iżgumbrament ma jistax ikollha riżultamenti utili u minħabba f'hekk m'għandhiex tiġi deċiża għax nieqsa mill-interess li għandu jkun il-bażi ta' l-azzjoni";

"Sakemm ir-rekwiżizzjoni tkun għadha sseħħ l-azzjoni ta' min sofra r-rekwiżizzjoni biex isostni d-drittijiet tiegħu fuq il-fond rekwiżizzjonat hija intempestiva, salv ir-rivivixxenza tagħhom meta tispiċċa r-rekwiżizzjoni ". (Ara Sentenzi: Vol. XLIII p.11 p.241; Vol. XXXII p.2 p.211; Vol. XXXIII p.1 p.65; Vol. XXXIX p.2 p.628; App. Ċiv.; Zahra *vs* Chircop 8 ta' Frar, 1960; Masini *vs* Podesta 29 ta' April, 1963; Falzon

vs Spiteri 17-4-1964);

Illi l-partijiet jaqblu li l-*Protective Requistion Order* ħarġet fl-1977 u l-*Allocation Order* saret fl-1984. Fl-1980 il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri kienet awtorizzat lill-attur jesegwixxi s-sentenza ta' l-1966 però sa dakinhar il-kwistjoni tar-*Requisition* ma kinitx għadha ġiet issollevata u l-*allocation* ma kinitx għadha saret;

Illi jidher li t-talba ta' l-attur hija naturalment preordinata għal talba ta' żgumbrament u għalhekk, billi l-attur illum jinsab spussessat mill-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet fuq dana l-fond, (Ara Sec 782(C) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivil) diversament milli kien fl-1980, kull talba biex tiġi reża esekuttiva s-sentenza msemmija ta' l-1966 hija intempestiva u ma jista' jkollha ebda riżultanzi utili;

Illi għalhekk hi ovvja l-espedjenza tas-sospensjoni tal-ġudizzju sakemm tibqa' sseħħ ir-rekwiżizzjoni *in vista* tal-fatt li sakemm hemm ir-*requisition* l-attur mhux persuna kapaċi li jikkontesta l-ġudizzju;

Rat in-nota ta' l-appoell ta' l-attur Onorato Sammut ippreżentata fil-25 ta' Novembru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess attur ippreżentata fl-1 ta' Diċembru, 1986, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija ta' l-20 ta' Novembru, 1986 fl-ismijiet premessi bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 1986;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell fil-qosor kienu dawn li ġejjin. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' April, 1966 mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta fil-kawża fl-ismijiet "Francesco Sammut *vs* Francesco Cilia" l-konvenut ġie kkundannat li jiżgombra mill-ġardina u l-kamra adjaċenti b'bieb fuq sqaq li jiżbokka f'Qawra Road, San Pawl il-Baħar, li hu kien qed jokkupa mingħajr titolu. B'sentenza oħra ta' l-istess Qorti mogħtija fid-29 ta' Mejju, 1980 ikkonfermata minn din il-Qorti (allura diversament presjeduta) fit-12 ta' Novembru, 1980 fil-kawża fl-ismijiet "Onorato Sammut *vs* Francesco Cilia" ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut biex jesegwixxi s-sentenza fuq imsemmija tad-29 ta' April, 1966 billi kienu għaddew tliet snin u billi l-attur Onorato Sammut huwa l-eredi ta' Francesco Sammut;

In segwitu saret il-kawża odjerna fejn l-attur Onorato Sammut qiegħed jitlob li jiġi awtorizzat jesegwixxi l-imsemmija sentenza tad-29 ta' April, 1966 billi kienu għaddew tliet snin mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Novembru, 1980. Il-konvenut eċċepixxa li s-sentenza tad-29 ta' April, 1966 ma setgħetx tiġi aktar esegwita billi l-fond in kwistjoni kien ġie allokat lilu mill-*Housing Department* u l-konvenut għalhekk kellu titolu validu skond il-liġi. L-ewwel Qorti pprovvdiet – bla ħsara tar-raġunijiet u eċċezzjonijiet tal-kontendenti – billi ordnat is-sospensjoni tal-ġudizzju b'dan li l-avviż ikun riappuntabbli b'rikors ta' wieħed jew l-ieħor mill-kontendenti malli ma tibqax

isseħħ ir-rekwiżizzjoni. L-attur issa qiegħed jappella minn din id-deċiżjoni u jitlob ir-revoka tagħha;

Ikkunsidrat:

L-attur qiegħed jissottometti żewġ aggravji biex isostni l-appell tiegħu. Fl-ewwel lok qiegħed jgħid li meta ngħatat is-sentenza tat-12 ta' Novembru, 1980 minn din il-Qorti allura diversament ippresjeduta, diġà kien hemm rekwiżizzjoni u huwa kien diġà spossessat mill-fond *de quo* u intant bis-sentenza tat-12 ta' Novembru, 1980 huwa kien ġie awtorizzat jesegwixxi s-sentenza tad-29 ta' April, 1966. Kwindi, ikompli jissottometti l-attur l-ewwel Qorti f'din il-kawża ma jmisshiex marret kontra s-sentenza fuq imsemmija mogħtija fit-12 ta' Novembru, 1980;

Dan l-argument ta' l-attur appellant però mhux sostenibbli. Dak li qiegħed jiġi mitlub fil-kawża preżenti huwa l-awtorizzazzjoni għall-esekuzzjoni tas-sentenza tad-29 ta' April, 1966 u mhux dik tat-12 ta' Novembru, 1980. Il-proċeduri preżenti huma separati minn dawk li wasslu għas-sentenza tat-12 ta' Novembru, 1980. L-ewwel Qorti f'din il-kawża ġiet għall-konklużjoni a bażi tal-ġurisprudenza minnha ċċitata li *stante* r-rekwiżizzjoni t-talba preżenti, li hija naturalment preordinata għat-talba ta' żgumbrament, ma kellhiex tiġi deċiża u għalhekk ordnat is-sospensjoni tal-ġudizzju. Din il-Qorti, kif illum ippresjeduta, (salv dak li sejjer jingħad aktar tard) ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni, – iktar u iktar li issa l-fond rekwiżizzjonat jinsab allokat lill-konvenut (ara deposizzjoni ta' Gaetano Cilia, fol. 59 u 60);

Ikkunsidrat:

It-tieni aggravju sottomess mill-attur appellant jirrigwarda l-estensjoni ta' l-ordni tar-Rekwiżizzjoni billi jikkontendi li dik l-ordni ma tirrigwardax il-ġardina fuq imsemmija;

Din is-sottomissjoni ta' l-attur appellant tidher li hija fondata. Mid-deposizzjoni ta' l-imsemmi Gaetano Cilia, rappresentant tal-*Housing Secretary*, jirriżulta li l-ġnien ma kienx inkluż fl-Ordni tar-Rekwiżizzjoni u skond l-istess xhud meta jgħid ġnien, din tinkludi wkoll ġardina;

Isegwi għalhekk li ma hemm ebda ostakolu għall-esekuzzjoni tas-sentenza tad-29 ta' April, 1966 inkwantu din tirrigwarda l-ġardina;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi kwantu għall-ġardina msemmija fis-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta tad-29 ta' April, 1966 tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tawtorizza kwantu għall-istess ġardina l-esekuzzjoni ta' l-isttess sentenza tad-29 ta' April, 1966 *stante* li għaddew tliet snin mid-data tas-sentenza fuq imsemmija mogħtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Novembru, 1980 u billi tikkonferma s-sentenza appellata għall-kumplament tagħha kollu u inkwantu jirrigwarda l-kamra adjaċenti għall-ġardina b'bieb fuq sqaq li jisbokka f'Qawra Road, San Pawl il-Baħar, imsemmija din il-kamra fl-imsemmija sentenza tad-29 ta' April, 1966. L-ispejjeż ta' dan l-appell fiċ-ċirkostanzi għandhom jibqgħu bla taxxa. Il-Qorti tordna li l-proċess jintbagħat lura lill-ewwel Qorti.